MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 881/2002/1

**Constantino Consiglio**

**v.**

**Air Supplies & Catering Company Limited**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell dwar jekk il-Qrati Ordinarji ghandhomx gurisdizzjoni jiehdu konjizzjoni ta' allegazzjonijiet ta' ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u

tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq fil-kuntest ta' tkeccija ta' impjegat mill-impjieg tieghu.

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. L-attur kien impjegat tas-socjeta` konvenuta u ttiehdu proceduri dixxiplinarji kontra tieghu u kontra impjegati ohrajn fuq allegat incident li sehh fil-11 ta' Settembru 1994.
2. Fid-decizjoni tieghu ta' l-14 ta' Ottubru 1994, il-Bord tad-Dixxiplina sab lill-attur hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u din id-decizjoni giet sussegwentement konfermata mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta, li ordnat t-tkeccija ta' l-attur b'effett immedjat mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta` konvenuta.
3. Fil-kors ta' l-appell quddiem il-Bord tad-Diretturi tas-socjeta` konvenuta, l-attur u l-impjegati appellanti l-ohra talbu kopja tar-rapport tal-Bord tad-Dixxiplina li minnu kienu qeghdin jappellaw sabiex ikunu jistghu jidderigu ruhhom ahjar fl-appell taghhom quddiem il-Bord tad-Diretturi.
4. It-talba ta' l-attur u shabu giet rifjutata.
5. B'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Awissu 2000 fil-kawza fl-ismijiet ***Constantino Consiglio et vs. Air Supplies & Catering Company Limited*** (Rikors Nru: 526/95 GCD), gie deciz li s-socjeta` konvenuta ghandha tikkonsenja lill-attur fi zmien gimgha kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina.
6. Din il-kopja effettivament inghatat lill-attur fit-2 ta' Ottubru 2001.
7. Minn ezami ta' l-istess decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina jirrizulta li l-Bord ezamina l-kontenut ta' *"video tape"* dwar l-allegati incidenti li fihom kien involut l-attur, flimkien ma' impjegati ohra tas-socjeta` konvenuta. Dan il-*"video tape"* ma kienx gie ezebit fil-proceduri ta' dixxiplina quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.
8. L-attur jallega illi huwa ma giex mgharraf bl-ezistenza ta' dan il-*"video tape"* u ma nghata l-ebda opportunita` li jikkontrolla din ix-xhieda.

**<u>Talbiet u eccezzjonijiet</u>**

**3.** L-attur talab lill-ewwel Qorti:

1. tiddikjara li l-imsemmija decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-14 ta’ Ottubru 1994 u dik mehuda mill-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija konvenuta, li kkonfermat id-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina ta’ l-14 ta’ Ottubru 1994, huma nulli u bla effett ghaliex ittiehdu bi ksur car tal-ligi u tal-principji ta’ gustizzja naturali peress li cahhdu lill-attur mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif hawn fuq ahjar spjegat;
2. tirreintegra lill-attur fid-drittijiet kollha tieghu mal-kumpanija ossia socjeta` konvenuta, partikolarment billi l-attur jerga’ jitqieghed fl-istat li fih kien qabel ittiehdet id-decizjoni li jitkecca mill-impjieg tieghu bhala *store-keeper* mal-kumpanija konvenuta;
3. tiddikjara lill-kumpanija konvenuta responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur minhabba d-decizjoni illegali li ttiehdet fil-konfront tieghu kif hawn fuq spjegat;
4. tillikwida d-danni kollha li sofra l-attur; u
5. li tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati u dana taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dik l-Onorabbli Qorti.

**4.** Is-socjeta` konvenuta eccepiet:

1. li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante illi t-talbiet stess huma sostanzjalment l-istess ghal dawk maghmula permezz tar-rikors kostituzzjonali maghmul mill-istess attur u deciz finalment mill-Onor. Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta’ Awissu 2002, fejn l-Onor. Qorti rrestringiet ruhha li takkorda biss it-talba ta’ l-attur odjern li jinghata kopja tar-rapport li talab minghajr ma tat xi ordni skond it-tieni talba ta’ l-attur fir-rikors promotorju tieghu u ghalhekk dan il-punt hu *res iudicata*;
2. li t-talba ta’ l-attur fil-kaz odjern hija materjalment talba li tista’ titpogga biss quddiem it-Tribunal Industrijali, stante illi tirrigwarda l-konsegwenzi ta’ tkeccija mill-

impjieg, f'liema rigward it-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni esklussiva;
3. li l-attur naqas milli jirreferi l-kaz tieghu lit-Tribunal Industrijali, la immedjatament meta tkecca u lanqas f'xi stadju ulterjuri, process li kellu jintuza biex jissalvagwardja l-interessi tieghu, u ma jistax jivvanta pretenzjonijiet li ma huma xejn ghajr rimedju ghal dak li hu jallega hu tkeccija mill-impjieg mhux skond il-ligi, almenu qabel ma jadixxi l-ewwel lit-Tribunal Industrijali; u
4. fil-mertu, li t-tkeccija ta' l-attur kienet altru milli meritata stante l-agir aggressiv u vjolenti tieghu u jekk jinghata xi tip ta' rimedju wara dan l-agir, tkun qed tigi mwettqa ngustizzja bl-iskuza ta' difetti li fl-ahhar mill-ahhar kienu procedurali u huwa assjomatiku illi hadd ma ghandu jinghata vantagg wara li b'agir hazin tieghu jkun gab konsegwenzi negattivi fuqu nnifsu.

**Is-sentenza appellata**

**5.** Fl-udjenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Frar 2004, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tar-*res iudicata* u "l-eccezzjonijiet tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali". B'sentenza ta' l-14 ta' Mejju 2004, l-ewwel Qorti iddisponiet minn dawn it-tlett eccezzjonijiet billi cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta (*vide supra*) izda laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjoni taghha u ddikjarat li ma ghandhiex kompetenza tisma' l-kawza u kwindi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. L-ispejjes fic-cirkostanzi baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**6.** L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

"Illi l-ewwel eccezzjoni hija dik ta' *res judicata*. Dan ghaliex l-attur gia ottjena fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, sentenza fejn l-istess socjeta` kienet giet ordnata tikkonsenja kopja tad-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li permezz taghha l-attur kien tkecca mill-impjieg tieghu.

"Fil-kawza odjerna pero` l-attur qed jitlob dikjarazzjoni illi d-decizjoni imsemmija, uno volta issa hija maghrufa, tigi

dikjarata nulla. Ghalhekk ma hemmx l-istess *causa petendi*. Kif dejjem irritenew il-Qrati:

*"L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira u dan aktar u aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt … biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat hemm bzonn li –l-kwistjoni tkun giet effettivament deciza bis-sentenza ta' qabel u mhux biss li setghet giet deciza"* (Qorti tal-Appell **Gerada vs Caruana** deciza 7 ta' Marzu 1958).

"Illi ghalhekk ladarba t-talba hija differenti, l-eccezzjoni qed tigi respinta.

"Iz-zewg eccezzjonijiet sussegwenti jirrigwardjaw il-kompetenza tat-tribunal industrijali. Hu risaput li ai termini tal-Att XXX tal-1976 li dak iz-zmien kien applikabbli, dan it-tribunal ghandu kompetenza esklussiva fil-kazijiet ta' tkeccija minn impjieg. Anzi t-tielet eccezzjoni hija fis-sens li l-attur kellu l-ewwel imur quddiem it-tribunal qabel ma jadixxi l-Qrati ordinarji fis-sens li kellu jkun l-ewwel it-tribunal li jiddeciedi dwar it-tkeccija; il-Qrati imbaghad jistghu jinvestigaw f'certi cirkostanzi jekk is-sentenza tat-tribunal tistax tigi attakkata – u dan skond gurisprudenza pjuttost kostanti.

"Fil-verita` ghalkemm l-attur qieghed principalment jattakka d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina huwa qed jitlob li konsegwentement jigi reintegrat fl-impjieg tieghu.

"Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmel Chircop vs Awtorita` Marittima ta' Malta** (5 ta' Ottubru 2001) kellha okkazjoni taghmel diversi kummenti illi fil-fehma tal-Qorti jistghu ikunu applikabbli f'dan il-kaz.

"Fl-ewwel istanza ta' din il-kawza (il-Prim Awla fil-21 ta' Marzu 2001) kienet irrimarkat:

*""Illi waqt is-sottomissjonijiet maghmulha f'ismu l-attur sehaq li l-kawza minnu imressqa kellha bil-fors tingieb quddiem din il-Qorti ghaliex kollha kemm hi msejjsa fuq l-*

*allegazzjoni li d-decizjoni tat-tkeccija tieghu ittiehdet …b'mod ultra vires.*

*"…Illi l-artiklu 28 tal-imsemmi Att (XXX tal-1976) jghid b'mod car u kategoriku illi minkejja kull ma jinsab f'ligi ohra it-tribunal ikollu l-gurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta ghal kull ghan (ghajr minn proceduri dwar reat) u li r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci jkun biss billi l-ilment tieghu jintbghat lil dak it-tribunal u mhux xort'ohra.*

*"…Ta' min iqis ukoll li l-gurisdizzjoni esklussiva moghtija lit-Tribunal Industrijali dwar tkeccija minn impjieg meqjusa bhala ingusta hija fil-kliem tal-ligi "ghal kull ghan". Din il-Qorti tifhem li dan ifisser li l-indagini dwar jekk it-tkeccija kienitx misthoqqa jew le jmur lill-hinn minn konsiderazzjoni ta' raguni gusta u sufficjenti fil-mertu. Illi f'dan ir-rigward gie stabbilit kemm mill-kitbiet u kemm mid-decizjonijiet tal-istess tribunal innifsu li ghandu s-setgha taht l-artiklu 28 li jifli tkeccija minn impjieg ukoll jekk minkejja li kien hemm ragunijiet li jiggustifikawha din tkun saret b'mod mhux misthoqq.*

*"… dawn il-Qrati waqfu milli jiddeciedu kwistjonijiet marbuta ma' talbiet dwar kondizzjonijiet ta' impjieg u dan ukoll f'kawzi fejn biex jaghmlu l-accertamenti taghhom dwar il-kaz kien mehtieg li tigi investigata ukoll il-kwistjoni ta' validita` tat-temm tal-impjieg (ara sentenza* ***Fenech Pace vs Bondin nomine*** *25 11 88 – Prim Awla).*

*"Illi fil-fehma tal-Qorti l-argument … li l-azzjoni attrici hija immrata li tisfida l-operat tal-Awtorita` imharrka qabel sehhet it-tkeccija ma jnaqqasx b'daqshekk xejn mill-fatt li l-qofol tal-kwistjoni hija propju l-istess tkeccija. It-talbiet tal-attur huma kollha mahsuba li jwaqqghu dik it-tkeccija u r-rimedji li qieghed jitlob jintrabtu sfiq maghha. Illi b'dan i-lmod il-Qorti jkollha ssib li tonqos fiha s-setgha li tisma' - l-kawza mressqa mill-attur billi tali setgha hija b'ligi specjali mhollija lit-Tribunal Industrijali."*

"Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat din is-sentenza wara li ghamlet ragunament ulterjuri. Iccitat sentenza taghha stess fil-kawza fl-ismijiet **Sammut vs Vassallo nomine** deciza fid-19 ta' Mejju 2000, fejn ftit jew wisq kien intqal l-istess kliem. Il-Qorti imbaghad ikkummentat fuq il-kliem *for all purposes* fit-test ingliz tal-Artiklu 28 u jghid:

*""Termini dawn li huma inklusivi u jestendu ghal kull xorta ta' tkeccija ingusta tkun xi tkun ir-raguni kemm jekk i-ttkeccija ritenuta ingusta minhabba l-procedura kif ittiehdet u giet esegwita minn min ihaddem, kemm jekk ilkonstestazzjoni dwarha kienet fuq il-mertu tac-cirkostanzi li skond min ihaddem kienu jiggustifikaw it-tkeccija.*

*"… Ezami ta' l-att promotur tal-prezenti istanza ma jhalli lebda dubbju li l-mertu jittratta dwar it-terminazzjoni ingusta ta' l-impjieg tal-attur anke jekk parti mill-premessi huma bazati fuq l-allegat nuqqas ta' vires tac-Chairman ta' l-Awtorita` konvenuta li jittermina l-impjieg ta' l-attur meta effettivament itterminawlu. Imputazzjoni din ta' ingustizzja differenti minn dik tal-mertu innifsu tat-tkeccija li qed jigi trattat mit-Tribunal Industrijali b'azzjoni ad hoc. Xorta pero` l-imputazzjoni tibqa' ta' tkeccija ingusta tant li t-tieni talba attrici hija fis-sens li l-Qorti tiddikjara l-impjieg tal-attur qatt ma gie terminat waqt li t-tielet talba hi biex il-Qorti tordna lill-Awtorita` konvenuta tirreintegra fis-shih u fl-intier tieghu lill-attur l-impjieg li kellu…"*

"Il-Qorti tal-Appell allura ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim Awla u akkoljiet l-eccezzjoni tal-konvenut.

"Kif jidher din il-kawza tixbah hafna lil din li ghadha kif giet citata u l-Qorti ghamlet riferenza wiesgha ghaliha ghaliex ma thossx li ghandha izzid wisq ma' dak li qalet il-Qorti tal-Appell u l-Prim Awla qabilha. Hu minnu li l-attur f'din il-kawza qed jiccita l-kostituzzjoni izda bhall-kawza imsemmija, l-ghan principali tieghu [hu] li jattakka t-tkeccija mill-impjieg tieghu. Din il-Qorti thoss li jekk tassumi gurisdizzjoni f'din il-kawza tkun qed tassumi gurisdizzjoni li hija tat-Tribunal Industrijali, salv kull dritt li jista' jkollu iktar il-quddiem."

**L-appell**

**7.** L-attur Constantino Consiglio appella minn din is-sentenza. L-aggravju tieghu huwa bazikament wiehed, u cioe` illi f'dawn il-proceduri huwa mhux qed jikkontesta jekk it-tkeccija tieghu kenitx misthoqqa jew le, imma qed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropea, u tali dikjarazzjoni tista' tinghata biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili u mhux mit-Tribunal Industrijali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**8.** Fl-ewwel lok, ghandu jigi osservat illi jekk il-ligi ordinarja tista' taghti rimedju sufficjenti w effettiv ghal-lanjanza ta' l-attur appellant ta' ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq, huwa kellu d-dover illi l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri ghar-rimedju straordinarju tal-proceduri ghal ksur ta' smiegh xieraq taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319).[1] Ghalhekk jekk access lit-Tribunal Industrijali seta' jaghti rimedju ghall-allegazzjoni ta' l-appellant, huwa kellu d-dover li l-ewwel jadixxi lil dak it-Tribunal, qabel ma jipprocedi b'kawza ghal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

**9.** Ghal kull buon fini, jigi osservat wkoll li ma hux necessarju ghal fini ta' din il-kawza, li din il-Qorti tidhol fil-kwistjoni ta' jekk fil-fatt kawza fejn jigi allegat ksur tad-dritt fundamentali protett mill-Kostituzzjoni u/jew mill-Konvenzjoni Ewropea, setghetx issir quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza "ordinarja" taghha, kif saret il-kawza odjerna, jew hux mandatorju li tali kawza ssir quddiem dik il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u skond il-procedura preskritta mil-ligi (i.e. permezz ta' rikors).

[1] Ara proviso ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ta' l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319.

**10.** Din il-Qorti hi tal-fehma li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u s-sentenzi fiha kkwotati huma ineccepibbli. A skans ta' ripetizzjoni inutli, din il-Qorti mhix se terga' tirrepeti l-argumenti konvincenti ta' l-ewwel Qorti ghaliex t-Tribunal Industrijali kien kompetenti li jiehu konjizzjoni ta' l-allegazzjoni ta' l-appellant ta' nuqqas ta' smiegh xieraq jew ahjar tal-ksur tal-principji ta' gustizzja naturali fil-mori tal-proceduri dixxiplinari li ttiehdu kontra tieghu u li wasslu ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg.

**11.** Ghall-fini tal-kompletezza, din il-Qorti sejra zzid kwotazzjoni ohra mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Avukat Dottor Carmel Chircop v. Awtorita Marittima ta' Malta** deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, li l-fattispecje taghha huma simili hafna ghal dawk tal-kaz odjern u fil-fatt tifforma l-pedament li fuqu strahet l-ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni taghha. F'dik is-sentenza il-Qorti ta' l-Appell irriteniet hekk:
*"Il-ligi specjali – il-Kap 266 – ma tiddistingwix bejn il-kwalita` ta' l-ingustizzja u l-att tat-tkeccija. Ma tillimitax il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali skond il-mertu tar-raguni tat-tkeccija, u kellu allura jiftiehem li din testendi wkoll ghat-tkeccija li tkun proceduralment skorretta u allura ingusta, bhal fil-kaz fejn min ihaddem ma jkunx osserva l-iter obbligat mil-ligi u/jew mill-ftehim dwar kif kellha ssir it-tkeccija. L-istess konsiderazzjoni tapplika ghall-imputazzjoni li l-impjegat tkecca mix-xoghol minghajr ma nghatalu l-opportunita` li jiddefendi ruhu kemm skond l-iter procedurali stabbilit fil-ftehim kollettiv jekk ikun il-kaz, kif ukoll skond in-normi tal-gustizzja naturali. Il-gustizzja, f'dan l-ahhar kaz, ma kienitx necessarjament marbuta mal-mertu ta' tkeccija u mar-raguni li mmotivata, imma mal-fatt li min ihaddem ma jkunx irrispetta d-dritt ta' l-impjegat li jinghata kull opportunita` li jiddefendi ruhu kontra l-licenzjament. F'cirkostanzi bhal dawn jista' jigri li tkeccija tigi meqjusa ngusta a priori u dana qabel ma anke it-Tribunal jindaga dwar il-validita` tar-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg. L-ingustizzja tkun tohrog propju mill-fatt li ma jkunx gie rispettat dritt fondamentali ta' l-impjegat – lezjoni din li tista' wkoll eventwalment taghti lok ghal rimedju kostituzzjonali – u f'dawn ic-cirkostanzi certament it-Tribunal Industrijali kellu wkoll gurisdizzjoni*

*esklussiva biex jiddelibera u jiddeciedi dan il-meritu. Dan naturalment salv rimedju kostituzzjonali li ma jippermetti l-ebda deroga fil-kazijiet fejn ikun accessibbli ghall-individwu.*

*"Is-subinciz 1 ta' l-art. 28 tal-Kap. 266 fuq riportat ma jhalli ebda dubbju li din kellha tkun interpretazzjoni gusta tad-disposizzjoni tal-ligi "Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu gurisdizzjoni eskluziva li jikkonsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta* <u>*ghal kull ghan*</u> *barra mill-proceduri dwar rejati kontra xi ligi ... ...". It-terminu "ghal kull ghan" fit-test ingliz hu tradott bil-kliem "for all purposes". Termini dawn li huma inkluzivi u jestendu ghal kull xorta ta' tkeccija ingusta tkun xi tkun ir-raguni, kemm jekk hi tkeccija ritenuta ngusta minhabba l-mod procedurali kif ittiehdet u giet ezegwita minn min ihaddem, kemm jekk il-kontestazzjoni dwarha kienet fuq il-mertu tac-cirkostanzi li, skond min ihaddem, ikunu iggustifikaw it-tkeccija. Kull xorta ta' azzjoni dwar tkeccija ngusta allura, kollox inkluz u xejn eskluz, kienet taqa' taht il-kompetenza eskluziva tat-Tribunal Industrijali sakemm ikun jaqa' fid-definizzjoni ta' "tkeccija ngusta" kif definita fis-subinciz 2 tal-Kap. 266. Kompetenza esklusiva li naturalment testendi biss fil-limiti tal-konsiderazzjoni u decizjoni dwar jekk tkunx saret jew le tkeccija ngusta, kif dispost fis-subinciz 1 fl-art. 28. Subinciz li jkompli jiddisponi illi "Ir-rimedju ta' haddiem hekk imkecci (ingustament) ghall-ksur ta' dritt tieghu li ma jitkeccix b'mod ingust, ikun biss illi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra. Il-ligi ghalhekk mhux biss tinvesti lit-Tribunal Industrijali b'gurisdizzjoni eskluziva biex titratta kazijiet ta' tkeccija ngusta ta' liema xorta jkunu, imma wkoll tillimita d-dritt ta' azzjoni ta' haddiem biex jitlob rimedju billi jagixxi quddiem dak it-Tribunal u teskludih minn kull dritt ta' azzjoni quddiem il-qrati ordinarji."*

**12.** Fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-appellant jghid testwalment *"F'dan ir-rigward, l-appellant ma hux ser joqghod jiccita l-gurisprudenza ccitata mill-Ewwel Qorti, peress li l-fattispeci f'dawk il-kawzi kienu ferm differenti minn dawk ta' din il-kawza, u ser jillimita ruhu biex jiccita*

*dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-11 ta' Awissu 2000 fl-ismijiet Constantino Consiglio et vs Air Supplies and Catering Company Limited stess, fejn inghad illi "t-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza limitata ... ..." u minkejja li l-fatti kienu identici ghal dawk tal-lum il-Qorti Kostituzzjonali xorta ezercitat il-gurisdizzjoni taghha u tat ir-rimedju."*

**13.** Fl-ewwel lok, ghalkemm l-appellant jallega li l-fattispeci tal-kazijiet ikkwotati mill-ewwel Qorti kienu ferm differenti minn dawk odjerni, huwa ma jaghmel l-ebda tentattiv biex jispjega f'hix tikkonsisti din l-allegata differenza. Kif diga` inghad, il-fattispecje tal-kawza **Avukat Dottor Carmel Chircop v. Awtorita` Marittima ta' Malta** li fuqha strahet l-ewwel Qorti huma simili hafna ghal dawk tal-kaz odjern, u ghalhekk din is-sottomissjoni ta' l-esponenti hija infondata.

**14.** Fit-tieni lok huwa vera li fil-proceduri kostituzzjonali li pprecedew il-kawza odjerna, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili – u mhux il-Qorti Kostituzzjonali kif jghid l-appellant – qalet li *"It-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza limitata"*,[2] pero` dan qalitu fil-kuntest tal-kompetenza tat-Tribunal Industrijali o meno li jiddeciedi dwar kwistjonijiet kostituzzjonali. Ma hemmx dubbju li t-Tribunal Industrijali ghandu kompetenza limitata bid-disposizzjonijiet ta' l-att kostituttiv tieghu, il-Kap. 266, kif osservat il-Qorti ta' l-Appell stess fis-sentenza **Avukat Dottor Carmel Chircop v. Awtorita Marittima ta' Malta**, citata aktar 'l fuq. Pero` l-kwistjoni li trid tigi deciza fil-kawza odjerna hija appuntu jekk id-determinazzjoni ta' l-allegazzjoni tan-nuqqas ta' smiegh xieraq, fi kliem iehor l-allegazzjoni ta' proceduri skorretti w allura ingusti li wasslu ghat-tkeccija mill-impjieg ta' l-appellant, kienitx taqa' fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali, limitata kemm hi limitata dik il-kompetenza f'kuntest legali iehor. U kif diga` inghad aktar, interpretazzjoni korretta tad-disposizzjonijiet relevanti tal-Kap. 266 ma thallix dubju, li t-Tribunal Industrijali huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi allegazzjonijiet ta' proceduri skorretti w allura ingusti li

[2] Ara fol. 18 tal-process para 3 (pagna 14 tas-sentenza)

jkunu waslu ghat-temm ta' l-impjieg ta' haddiem, stante li dan it-Tribunal huwa kompetenti li jiddeciedi kull kwistjoni ta' tkeccija ingusta *"ghal kull ghan"* ai termini ta' l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 266, kif diga` gie fuq spjegat.

**15.** Fit-tielet lok, ma huwa vera xejn li fattispecje tal-kawza kostituzzjonali li pprecediet din il-kawza u l-fattispecje ta' din il-kawza huma identici, kif jallega l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu. Fil-kawza kostituzzjonali huwa kien qieghed jitlob lill-Qorti tiddikjara li r-rifjut tas-socjeta` konvenuta, intimata f'dik il-kawza, li ttih kopja tad-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina kien jilledilu d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea, u f'dak il-kaz il-"qrati kostituzzjonali" biss (i.e. il-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" taghha, u il-Qorti Kostituzzjonali in sede ta' appell) kienu kompetenti li jisimghu u jiddeciedu dik il-lanjanza. Illum, li l-appellant ghandu f'idejh kopja ta' dik id-decizjoni, l-appellant qed jallega li l-proceduri ta' dixxiplina li kkulminaw fit-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu ivvjolawlu d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea, izda fil-kaz odjern hemm rimedju ordinarju li l-appellant kellu jirrikorri ghalih, qabel jintenta proceduri "kostituzzjonali", stante li kif diga` gie fuq spjegat it-Tribunal Industrijali huwa kompetenti li jisma' u jiddeciedi dwar kazijiet ta' tkeccija mill-impjieg li jkunu ppreceduti minn proceduri skorretti w allura ingusti.

**16.** Huwa sinifikanti li l-Qorti Kostituzzjonali fil-proceduri kostituzzjonali li precedew din il-kawza qalet hekk:[3]
*"Issa ftit jista' jkun hemm dubju li l-fatt illi r-rikorrenti appellati gew imcahhda b'decizjoni tas-socjeta` intimata u/jew tal-Bord ta' Dixxiplina, li jinghataw kopja tad-decizjoni ta' dan il-Bord biex ikunu jistghu sewwa jiddefendu ruhhom fl-appell li kellhom dritt li jaghmlu skond il-ftehim kollettiv minn dik id-decizjoni u eventwalment biex ikunu sewwa jistghu jiddefendu l-kaz taghhom quddiem it-Tribunal Industrijali, poggihom fi zvantagg car u manifest fil-konfront tas-socjeta` intimata.*

[3] a fol. 37/38 tal-process – pagni 33-34 tas-sentenza.

*Dan bi vjolazzjoni ovvja tal-principju ta' l-Equality of Arms."* (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` il-Qorti ta' l-Appell)

U iktar l-isfel il-Qorti Kostituzzjonali regghet irrepetiet:[4]

*"Il-fatt li huma gew arbitrarjament imcahhda milli jkollhom kopja ta' dik id-decizjoni kien manifestament ippregudikalhom b'mod determinanti l-jedd fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq, mhux biss fil-proceduri ta' l-appell intern li huma kienu intentaw fit-termini tal-ftehim kollettiv, imma wkoll u aktar importanti quddiem it-Tribunal Industrijali. Tribunal li prima facie jikkwalifika bhala organu gudizzjarju ai termini tas-subinciz 1 ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement kien kompetenti biex jiehu konjizzjoni u jiddetermina finalment kwistjonijiet dwar l-obbligi u l-jeddijiet civili tar-rikorrenti fir-rigward tat-tkeccija tieghu mill-impjieg."* (hawnhekk ukoll, enfasi ta' din il-Qorti).

**17.** Ghalhekk, anki l-Qorti Kostituzzjonali stess kienet qed tipprospetta illi eventwalment l-appellant kellu l-ewwel ifittex rimedju ghall-allegata tkeccija ingusta tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, u imbaghad, jekk ikun necessarju, jirrikorri ghar-rimedju straordinarju tal-proceduri kostituzzjonali.

## Decide

**18.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant Costantino Consiglio.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] a fol 38/39 tal-process – pagni 34-35 tas-sentenza.